MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 269/2012

**A B**
**vs**
**L-Avukat Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Sacha Guillaimier b'digriet tat-22 ta' April 2013 gew mahtura bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil C D E ta' nazzjonalita' Ingliza u assenti minn dawn il-Gzejjer**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici pprezentat fid-9 ta' Novembru 2012 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

"Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni amoruza ghal ftit inqas minn sentejn, mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri Leah fit-27 ta' Settembru 2003 li llum ghandha tmien snin u dana skont certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala dokument A mill-liema dokument jidher car illi l-intimat fuq l-istess huwa registrat bhala missier il-minuri.

Illi din ir-relazzjoni li bdiet fis-sena 2001 meta l-esponenti kien ghad kellha biss 21 sena sakemm meta l-minuri kien ghad ghandha sena din ir-relazzjoni tkissret irrimedjabbilment billi l-intimat kien ta' sikwiet jerfgha jdejh fuq l-esponenti, jisker ta' kuljum, jiddejjen fil-hwienet u b'mod iehor ikun vjolenti ma' l-esponenti sabiex fl-ahhar l-esponenti ma felhitx tissaporti iktar. Ftit zmien wara l-ksur ta' din ir-relazzjoni l-intimat telaq minn Malta minghajr ma jhalli indirizz u minn dak iz-zmien sal-lum hu qatt ma ghadda manteniment lill-esponenti ghall-minuri Leah izda lanqas biss qatt ma gie jaraha jew b'xi mod iehor cemplilha jew ikkomunika maghha kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-esponenti bdiet relazzjoni ohra ma' Julian B, illum zewgha u ilha mizzewgha mal-imsemmi Julian B ghal circa sentejn u ezattament mis-26 ta' Gunju 2010 skont kif jidher mic-certifikat taz-zwieg immarkat dokument B.

Illi l-esponenti ilha, prattikament mit-twelid ta' bintha dejjem isibha difficli sabiex tezercita d-drittijiet u l-obbligi taghha bhala genitur tal-minuri kemm in konnessjoni ma skejjel, ma studju, ma safar u simili billi kull darba kostretta titlob l-Awtorizazzjoni tal-Qorti tal-Familja meta tigi biex tiehu xi decizzjoni dwar il-kura u l-kustodja ta' bintha.

Illi in oltre l-esponenti u zewgha bi hsiebhom fix-xhur li gejjin jitolbu lill-Qorti kompetenti sabiex jigu awtorizzati jaddotaw bhala kopja lill-minuri Leah tenut kont ic-cirkostanzi fuq imsemmija.

Ghaldaqstant u fid-dawl tal-premess, jghidu l-intimati ghar-ragunijiet premessi u dawk li ghandhom jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Leah tigi fdata unikament f'idejn ir-rikorrenti salv jekk ikun il-kaz li, wkoll tiffissa granet u hinijiet li fihom l-intimat ikun jista' jivvizita lill-minuri jekk il-Qorti thoss, tenut kont ic-cirkostanzi

imsemmija li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jmur jara u dana dejjem taht kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha taghti tenut kont ic-cirkostanzi.

Tordna illi kull beneficju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri Leah tinghata unikament lir-rikorrenti.

Tiffissa ammont ta' flus li ghandu jithallas lir-rikorrenti minghand l-intimat bhala kumpens xieraq ghaz-zmien kollu illi hija kellha tipprovdi ghal bintha minghajr ebda ghajnuna jew kontribut da parti ta' l-intimat u dan minn meta l-intimat telaq minn Malta fis-sena 2004 sad-data tas-sentenza finali u konsegwentement tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi ffissata.

Tiffissa rata ta' kull gimgha li l-intimat ikun ikkundanat ihallas lir-rikorrenti bhala manteniment xieraq u adegwat lil Leah, liema manteniment ghandu jkopri wkoll l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u mhux biss l-ghexien taghha u liema manteniment ghandu jigi rivedut minn zmien ghal zmien, u konsegwentement tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti, ta' kull gimgha dik is-somma li tigi hekk iffissata.

Tordna illi mid-data tas-sentenza l-quddiem u meta l-esponenti tigi biex issiefer ma’ bintha u anke meta bintha l-minuri tkun ser issiefer kif gara f'okkazzjonijiet ohra mal-iskola jew anke fuq avvenimenti ta' sport jew divertiment anke fl-assenza tal-esponenti dan is-safar ikun jista' jsir in forza tas-sentenza li tigi moghtija fuq dan ir-rikors u minghajr il-htiega li titlob permess kull darba mill-Qorti kompetenti ghal dan il-ghan u konsegwentement tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Ufficjal Principali tal-passaporti u jekk ikun il-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan sabiex kemm l-esponenti kif ukoll il-minuri ma jigux affacjati b'diffikultajiet kull darba li jigu biex isiefru u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali fuq kull ammont li jista’ jigi

likwidat minn din il-Qorti a bazi tat-talbiet hawn fuq imsemmija mid-data tal-pagament effettiv."

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici u l-elenku tad-dokumenti.

Rat id-digriet tat-22 ta' April 2013 li permezz tieghu gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konvenut C D E.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati tal-20 ta' Mejju 2013 li permezz taghha iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**L-Azzjoni Attrici**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qed titlob li tinghata l-kura u kustodja ta' bintha minuri Leah u li l-missier jigi kkundannat li jhallas manteniment adegwat ghall-minuri.

Il-konvenut, missier il-minuri, ma jinstabx Malta u ghalhekk gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentawh li pero' ma kienux f'posizzjoni li jressqu eccezzjonijiet formali in kwantu ma kellhom l-ebda informazzjoni fejn setghu jikkomunikaw mieghu.

**Provi**.

L-attrici xehdet illi l-minuri Leah twieldet minn relazzjoni qasira li hija kellha mal-konvenut C D E. Illum il-minuri ghandha ghaxar snin.

Tirrakkonta diversi episodji ta' vjolenza u eccessi da parti tal-konvenut li kienu r-raguni principali ghaliex ir-relazzjoni ta' bejniethom ma setghatx tizviluppa. Madwar seba' snin ilu l-konvenut telaq minn Malta u l-attrici ma tafx illum fejn jinstab. Ma jaghmel l-ebda kuntatt maghha u ma jikkontribwixxi xejn ghall-manteniment tal-minuri.

Din is-sitwazzjoni qed tohloq diffikultajiet kbar lill-attrici meta tigi biex tiehu decizzjonijiet fir-rigward tal-minuri ghaliex tigi kull darba mitluba il-firma tal-missier li kif diga inghad ma jinstabx hawn Malta u qata' kull kuntatt sew mal-attrici kif ukoll ma' bintu l-minuri.

Madwar tlett snin ilu l-attrici izzewget lir-ragel taghha prezenti minn liema zwieg hija ghandha wild iehor. Ghalkemm il-minuri Leah qed titrabba f'ghozza u hija mahbuba mir-ragel taghha, xorta qed ikollha diffikultajiet ta' natura amministrativa fir-rigward tal-minuri.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Mill-provi imressqa jirrizulta illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tal-minuri Leah tigi affidata esklussivament f'idejn ommha l-attrici sabiex tkun tista' wahedha tiehu decizzjonijiet li jolqtu lill-minuri minghajr il-htiega tal-kunsens tal-missier. Il-fatt li l-missier abbanduna lill-bintu u ma jikkontribwixxi xejn ghall-manteniment taghha, huma ragunijiet bizzejjed sabiex it-talbiet attrici jigu akkolti.

Peress li rrizulta li l-attrici sa mit-twelid taghha rabbit wahedha lill-minuri minghajr ebda kontribuzzjoni da parti tal-konvenut, hija gustifikata t-talba tal-attrici illi titlob kumpens da parti tal-konvenut ghall-perijodu mit-twelid tat-tarbija sal-lum, oltre manteniment futur.

Ir-rata ta' manteniment li l-Qorti qed tiffissa *arbitrio boni viri* hija fis-somma ta' tlett mija u hamsin ewro fix-xahar.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri Leah tkun affidata esklussivament f'idejn ommha A B nee' Galea.

2. Tordna illi kull beneficcju u ghajnuna socjali pagabbli fir-rigward tal-minuri Leah jigi percepit mill-attrici A B.

3. Tillikwida l-ammont ta' kumpens li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici fir-rigward tal-ispejjez ghat-trobbija tal-minuri mid-data tat-twelid taghha sal-lum fis-somma ta' tnejn u erbghin elf ewro (Euros 42,000)

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri is-somma ta' tlett mija u hamsin ewro (Euros 350) fix-xahar li tizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja oltre nofs l-ispejjez konnessi mal-edukazzjoni u sahha tal-minuri. Il-manteniment hekk stipulat jibqa' jithallas anke wara li l-minuri taghlaq tmintax-il sena jekk tibqa' tistudja full time, f'liema eventwalita' l-manteniment jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq tlieta u ghoxrien sena.

5. Tawtorizza lill-attrici sabiex wahedha u minghajr il-htiega tal-firma tal-missier tkun tista' f'kull zmien tapplika wahedha ghall-hrug tal-passaport tal-minuri u wahedha tirtirah.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut C D E b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------